# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Lulju, 2015**

**Talba Nru: 412/2015/VG**

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Marco CAMILLERI [ID 140075M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-27 ta' Mejju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' hames mija u disgha u tmenin euro u tmienja u ghoxrin centezmi ta' euro [€589.28c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u disgha u tmenin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€589.28) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40223534).

> Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.
>
> Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1298/14, u bl-imghaxijiet legali sa mill-25 ta' Gunju 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-3 ta' Gunju, 2015 u li baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi.

Ra l-intimat deher fis-seduta tal-lum u ddikjara li l-ammont reklamat ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ra li Dr. Keith Grech iddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' hames mija u disgha u tmenin euro u tmienja u ghoxrin centezmi ta' euro [€589.28c] in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40223534).

Ikkunsidra;

2. L-intimat deher fis-seduta tal-lum u ammetta li huwa ghad fadallu jhallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont minnha reklamat.

   Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta' l-ammissjoni ta' l-intimat, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

   Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hames mija u disgha u tmenin euro u tmienja u ghoxrin centezmi ta' euro [€589.28c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-25 ta' Gunju, 2014, data tal-prezentata tal-ittra ufficjali numru 1298/14, sad-data tal-hlas effettiv.

   L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**